

Brussell, 8 ta' Lulju 2019
(OR. en)

11057/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0104(NLE)

SCH-EVAL 117
VISA 149
COMIX 350

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	8 ta' Lulju 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	10379/19
Suġġett:	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2018 tal- Estonja dwar l-applikazzjoni tal- <i>acquis</i> ta' Schengen fil- qasam tal-politika komuni dwar il-viżi

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2018 tal-Estonja dwar l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen fil-qasam tal-politika komuni dwar il-viżi, adottata mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fit-8 ta' Lulju 2019.

F'konformità mal-Artikolu 15(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013, din ir-Rakkomandazzjoni ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali.

RAKKOMANDAZZJONI

biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2018 tal-Estonja dwar l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen fil-qasam tal-politika komuni dwar il-viżi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-għan ta' din id-Deċiżjoni huwa li tirrakkomanda lill-Estonja azzjonijiet korrettivi biex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati matul l-evalwazzjoni ta' Schengen fil-qasam tal-politika komuni dwar il-viżi mwettqa fl-2018. Wara l-evalwazzjoni, rapport li jkopri s-sejbiet u l-valutazzjonijiet, li jelenka l-aħjar prassi u n-nuqqasijiet identifikati matul l-evalwazzjoni, ġie adottat permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2019) 750.
- (2) Il-programm ta' skambju tal-persunal Estonjan bejn il-konsulati huwa miżuri ta' taħriġ utli ħafna u Prattika tajba notevoli fl-iżgurar tal-applikazzjoni konsistenti tal-*acquis* ta' Schengen fil-qasam tal-politika komuni dwar il-viżi.

¹ ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.

- (3) Fid-dawl tal-importanza tal-konformità mal-*acquis* ta' Schengen, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet marbuta mal-monitoraġġ ta' fornituri esterni tas-servizzi, il-protezzjoni u s-sigurtà tad-data, il-faċilitajiet adegwati għall-applikanti, il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, jenħtieġ li tingħata prijorità lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet (8), (11), (13), (17), (19), (25), (27), (30), (33), (34), (36), (42), (44), (45) u (47) ta' hawn taħt.
- (4) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tiġi mibgħuta lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti tal-Istati Membri. Fi żmien 3 xhur minn meta tiġi adottata, jenħtieġ li l-Estonja, skont l-Artikolu 16 (1) tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013, tfassal pjan ta' azzjoni li jelenka r-rakkomandazzjonijiet kollha biex jiġu rimedjati kwalunkwe nuqqasijiet identifikati fir-rapport ta' evalwazzjoni u tippreżenta dak il-pjan ta' azzjoni lill-Kummissjoni u lill-Kunsill,

JIRRAKKOMANDA:

li l-Estonja għandha

Ġenerali

1. tikkunsidra li timmobilizza l-approċċ aktar ċentralizzat għall-informazzjoni tal-pubbliku, kif kien ippjanat fl-2017, li għandu jiżgura li tingħata informazzjoni aktar ċara, komprensiva u konsistenti lill-pubbliku ġenerali u b'kont debitu għad-dispożizzjonijiet applikabbli għal kategoriji speċifiċi ta' applikanti għal viża (pereżempju membri tal-familja ta' ċittadini mobbli tal-UE/taż-ŻEE);
2. tiżgura li l-Istat Membru jkun dejjem indikat fuq il-formula ta' rifjut f'każ li applikazzjoni ma tiġix aċċettata minħabba hit tas-SIS; tikkunsidra l-aġġornament tas-sistema nazzjonali biex turi din l-informazzjoni regolarment lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet;
3. tevita l-użu ta' noti post-it għar-reġistrar u t-trasmissjoni ta' informazzjoni importanti dwar applikazzjoni; tikkunsidra l-użu tal-funzjoni tal-kummenti fis-sistema tal-IT tagħha għal dan il-għan;

4. tiżgura li dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet jieħdu kont tal-ammont ta' referenza nazzjonali meta jevalwaw il-mezzi ta' sussistenza;
5. tikkunsidra l-integrazzjoni tal-allokkazzjoni tal-istikers tal-viża lill-membri individwali tal-persunal fis-sistema elettronika ta' traċċar;
6. tiġbed l-attenzjoni tal-persunal kollu għar-regolamenti u l-aħjar prassi dwar l-invalidazzjoni tal-istikers tal-viża mwaħħla;
7. tikkonsulta l-awtorità nazzjonali tal-protezzjoni tad-data tagħha u taġġorna d-dikjarazzjoni tal-protezzjoni tad-data fil-formula tal-applikazzjoni kif meħtieġ;
8. tiżgura li l-applikazzjonijiet ammissibbli kollha jiġu aċċettati mill-konsulat u jiddaħħlu fis-sistema tal-viża mingħajr dewmien, anke jekk id-dokument ta' sostenn jew il-kopji jkunu neqsin;

Sistemi tal-IT

9. tikkunsidra l-għoti ta' taħriġ fil-lingwa Estonjana lill-persunal tekniku kollu li juża s-sistema tal-viża nazzjonali;
10. tikkunsidra l-modifika tas-sistema tal-viża nazzjonali tagħha biex l-ewwel turi d-deskrizzjoni tar-raġunijiet għal rifjut, minflok ir-referenza legali;
11. taġġusta s-sistema nazzjonali tagħha biex tipprevjeni li viża diġà revokata tiġi revokata għat-tieni darba fil-VIS;
12. taġġusta s-sistema tal-viża nazzjonali tagħha sabiex tiżgura li t-taqsimiet kollha jkollhom jiġu mimlija darba biss mill-persunal ta' mal-counter meta applikazzjoni tinħoloq mill-bidu nett (jiġifieri mhux meħuda mill-bażi tad-data tal-applikazzjonijiet online);
13. tirrevedi l-politika dwar id-drittijiet tal-utenti tal-applikazzjoni nazzjonali tagħha sabiex tillimita l-aċċess għal funzjonalitajiet sensittivi għal numru limitat ta' persunal debitament awtorizzat; għall-persunal tekniku, it-tfittxija fil-VIS għandha tkun ristretta għal links stabbiliti b'applikazzjoni attwali;

14. tikkoreġi bugs minuri tas-software u mġiba mhux mistennija fis-sistema tal-viża nazzjonali tagħha, b'mod partikolari biex jiġi evitat it-tibdil ta'deċiżjonijiet permezz ta' proċessi li mhumiex maħsuba għal dan il-għan;
15. tikkunsidra l-aġġornament tas-sistema nazzjonali tagħha biex tipprevjeni li applikazzjoni tiġi validata u mibgħuta lill-VIS jekk xi taqsima tat-test liberu jkun fiha karattru speċjali;
16. timmodifika s-sistema tal-viża tagħha sabiex l-awtoritajiet konsulari jkunu jistgħu faċilment jiffiltraw l-messaġġi VIS Mail li joħolquhom tħassib;
17. temenda l-formula tal-applikazzjoni elettronika sabiex tkun tikkorrispondi mal-formula ta' applikazzjoni uniformi;
18. tiżgura li d-data obbligatorja kollha tkun kompleta għal kull fajl ta' applikazzjoni; tikkunsidra tibdel is-sistema nazzjonali tagħha biex tipprevjeni li applikazzjoni tiġi validata u mibgħuta lill-VIS jekk xi taqsima legalment neċessarja tkun nieqsa jew vojta;
19. tiżgura li d-dati intenzjonati tal-wasla u t-tluq dejjem jiddaħħlu fit-taqsimiet korrispondenti; l-Estonja għandha tagħti istruzzjonijiet lill-ESP u tinforma l-applikanti li dawn it-taqsimiet m'għandhomx jintużaw biex jindikaw it-tul mixtieq ta' validità tal-viża;
20. tistabbilixxi politika ta' żamma tad-data għas-sistema nazzjonali tagħha u tikkonsulta l-aġenzija nazzjonali tal-protezzjoni tad-data dwar din il-politika; l-Estonja għandha regolarment tnaddaf id-data f'konformità ma' din il-politika;

Ambaxxata/taqsima tal-viża f'Astana

21. tlesti u tikkoreġi l-informazzjoni għall-pubbliku li tinsab fuq is-sit web tal-Ambaxxata, tiżgura li l-verżjonijiet bl-Ingliż u bir-Russu jkun fihom l-istess informazzjoni, pereżempju rigward il-membri tal-familja ta' ċittadini mobbli tal-UE/taż-ŻEE;
22. tirrieżamina l-prestazzjoni tas-sistema tal-iskenjar tal-marki tas-swaba' sabiex tillimita ż-żmien li jkollhom jistennew l-applikanti;

23. tikkunsidra miżura ta' taħriġ ulterjuri għall-persunal;
24. tiżgura li l-Ambaxxata jkollha t-timbru meħtieġ għall-annullar ta' viża maħruġa;
25. tiżgura aċċess korrett għal persuni b'mobbilità mnaqqsa għat-taqsimha tal-viża, pereżempju billi tirċievi tali applikanti fis-sular t'isfel tal-Ambaxxata;
26. tiżgura li l-bini li jwassal għat-taqsimha tal-viża jkun miżmum tajjeb u mnaddaf regolarment;
27. tiżgura ventilazzjoni adegwata fis-sala fejn jistennew in-nies;
28. tistabbilixxi sistema adatta għall-ġestjoni tal-fluss għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-viża u l-ġbir tad-dokumenti tal-ivvjaġġar (pereżempju ssir sistema ta' appuntamenti) jew l-użu ta' sistema ta' kju/bil-biljett;
29. tikkunsidra l-użu tat-tieni bank jew il-faċilitajiet fis-sular ta' isfel;
30. taħżen dokumenti sensittivi b'mod aktar sigur, speċjalment minn jum għall-ieħor; stikers tal-viża mhux użati għandhom jinħażnu fis-sejf matul il-lejl;
31. tiżgura li l-applikanti jippreżentaw sistematikament id-dokumenti ta' sostenn f'konformità mal-lista armonizzata għall-Każakistan; ir-raġunijiet għal kwalunkwe eżenzjoni ta' rekwiżiti għandhom jiġu dokumentati b'mod ċar;
32. tiżgura li d-dokumenti ta' sostenn jiġu tradotti minn tradutturi indipendenti u rikonoxxuti;
33. tiżgura li l-applikazzjonijiet kollha (ħlief għall-membri tal-familja ta' ċittadini mobbli tal-UE/taż-ŻEE) jiġu valutati bir-reqqa mill-Ambaxxata rigward r-riskju migratorju u s-sitwazzjoni soċjoekonomika tal-applikant fil-pajjiż ta' residenza, b'mod partikolari, b'eżami bir-reqqa tad-dokumenti ta' sostenn, indipendentament mill-konsultazzjonijiet nazzjonali;

34. tfakkar lill-konsli li l-parir riċevut mill-aġenziji tal-Ministeru għall-Intern permezz tas-sistema ta' konsultazzjoni nazzjonali ma' tehlisomx mir-responsabbiltà finali tagħhom rigward valutazzjoni bir-reqqa tar-riskju migratorju u ta' sigurtà qabel tittieħed deċiżjoni dwar applikazzjoni; jekk meħtieġ, l-applikanti għandhom jissejħu għal intervista qabel ma tittieħed deċiżjoni;
35. toqgħod lura milli tirrevoka viżi ta' dħul multiplu li jkunu validi għal tul ta' soġġorn ta' 90 jum kull meta tiġi ppreżentata applikazzjoni għal viża ġdida anqas minn 3 xhur qabel tmiem il-validità tal-viża eżistenti; minflok, il-viża l-ġdida għandha tinħareġ bil-validità tagħha li tibda mal-iskadenza tal-viża eżistenti, u d-detentur tal-viża għandu jiġi infurmat li viża eżistenti għadha tista' tintuża għall-qsim tal-fruntiera;
36. tiżgura li l-uffiċjali tal-viża jiċċekkjaw it-timbri tad-dħul u tal-ħruġ fil-passaport biex jiġu individwati permanenti possibbli b'awtorizzazzjoni skaduta, b'mod partikolari għal vjaġġaturi frekwenti;

Konsulat/taqsima tal-viża f'San Pietruburgu

37. tagħti struzzjoni lill-fornitur tas-servizz estern (ESP) li jikkoreġi u jaġġorna s-siti web u l-kopji stampati tal-informazzjoni;
38. tagħti struzzjoni lill-ESP jaġġorna l-lista ta' kontroll tiegħu biex iżommha totalment f'konformità mal-lista armonizzata ta' dokumenti ta' sostenn u jieħu kont debitu tad-dispożizzjonijiet applikabbli għal kategoriji speċifiċi tal-applikanti għal viża (pereżempju membri tal-familja ta' ċittadini mobbli tal-UE/taż-ŻEE);
39. tagħti struzzjoni lill-ESP biex jinforma lill-applikanti bir-reqwiziti rigward dokumenti ta' sponsorjar kif definit fil-lista armonizzata
40. tagħti struzzjoni lill-ESP jaċċetta l-applikazzjonijiet ammissibbli kollha li għalihom l-Estonja hija l-Istat Membru kompetenti; l-ESP jista' jagħti pariri lill-applikant dwar d-dokumenti ta' sponsorjar nieqsa u javżahom dwar il-konsegwenzi; madankollu, huma mhumiex kompetenti li jagħtu pariri espliċiti kontra li tintbagħat applikazzjoni;

41. tagħti struzzjoni lill-ESP biex jew jiskoraġġixxi lill-applikanti mill-jużaw l-għodda ta' applikazzjoni online Estonjana biex jiġġeneraw formula ta' applikazzjoni, jew jimplimentaw proċess, li jirrispetta totalment il-prinċipji tal-protezzjoni tad-data, li jippermetti lill-ESP jieħu d-data mill-bażi tad-data ta' applikazzjonijiet online Estonjana;
42. tagħti struzzjoni lill-ESP juża kontenituri solidi u maqfula b'mod sikur, ċestuni jew bagalji għat-trasportazzjoni tal-fajls u d-dokument tal-ivvjaġġar bejn il-Konsulat u l-ESP;
43. tiżgura li l-ESP dejjem iżomm l-applikazzjonijiet mibgħuta u l-passaporti ġewwa sejf jew kamra bi protezzjoni qawwija bejn jum u ieħor;
44. tiżgura l-monitoraġġ sħiħ tal-fornituri ta' servizzi esterni, inklużi f'lokalitajiet reġjonali, possibbilment f'kooperazzjoni ma' Stati Membri li jużaw l-istess fornituri;
45. tagħti struzzjoni lill-ESP tagħha biex iħassar d-data kollha tal-applikazzjonijiet inklużi l-bijometriċi immedjatament wara li jkun ittrasmetta b'suċċess id-data lill-konsulat, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi dwar il-Viża;
46. tiżgura li l-ftehim tagħha mal-ESP ikun konformi mal-bażi legali rigward it-tħassir tad-data tal-applikazzjonijiet;
47. tiżgura li kwalunkwe portal ta' applikazzjonijiet online operat mill-ESP ma jagħtix lill-persunal tal-ESP aċċess għal kwalunkwe data ta' applikazzjonijiet għal viża ħliet jekk l-applikant ikun qed jibgħat applikazzjoni, pereżempju bl-użu ta' identifikatur uniku għall-aċċess li jkun magħruf biss mill-applikant;
48. tagħti struzzjoni lill-ESP biex jivverifika biss li l-formula ta' applikazzjoni tkun iffirmata fiż-żewġ taqsimiet għall-firma, mingħajr ma jintalbu firem addizzjonali;
49. tagħti struzzjoni lill-ESP biex jitlob biss ritratt wieħed mill-applikant;
50. tiżgura li l-ESP jirrimborża t-tariffa tal-viża lill-applikant f'każ li applikazzjoni titqies inammissibbli jew meta l-Estonja ma tkunx l-Istat Membru kompetenti;

51. tikkoreġi u taġġorna l-informazzjoni dwar il-verżjoni Russa tas-sit web tal-Konsulat u l-informazzjoni stampata bir-Russu disponibbli fil-konsulat;
52. tiżgura sinjali adatti biex tidderieġi lill-applikanti mit-triq prinċipali għat-taqsimha tal-viża tal-Konsulat;
53. tiżgura li l-applikanti jippreżentaw sistematikament id-dokumenti ta' sostenn f'konformità mal-lista armonizzata għar-Russja; ir-raġunijiet għal kwalunkwe eżenzjoni ta' rekwiżiti għandhom jiġu dokumentati b'mod ċar;
54. tikkunsidra approċċ konsistenti għall-arkivjar ta' applikazzjonijiet rifjutati, jew billi żżomm kopja tal-formula ta' rifjut għall-applikazzjonijiet rifjutati kollha, jew għall-ebda waħda;
55. tipprovdi l-possibbiltà li l-applikanti jiksbu appuntament fil-konsulat f'perijodu ta' żmien raġonevoli, b'kunsiderazzjoni tar-regola ġenerali ta' ġimagħtejn u l-prinċipju ta' aċċess dirett għall-konsulat; tiżgura li, għall-membri tal-familja ta' ċittadini mobbli tal-UE/taż-ŻEE, tali appuntamenti jiġu allokat i mingħajr dewmien;
56. tikkoreġi l-fuljett ta' informazzjoni biex jirrifletti r-regoli dwar it-tul ta' żmien ta' soġġorn awtorizzat kif determinat fl-*acquis* ta' Schengen.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
